# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tad-9 ta' Novembru 2001**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1628/00**

**Mary Grech**

**vs**

**Nazzareno sive Reno Grech**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Nazzareno sive Reno Grech fejn gie premess:

Illi fl-10 ta' Mejju 2000 gie intavolat mandat ta' sekwestru numru 1628/00 kontra r-rikorrent;

Illi fl-imsemmi mandat, din il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sekwestrata s-somma ta' Lm2,200, liema flus jinsab f'idejn l-Avukat Pawlu LIia u l-Avukat Mark Busuttil konguntivament;

Illi dan il-mandat inhareg in esekuzzjoni tad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 22 ta' Awissu 1996 (Nru 1542/96) stante illi s-sekwestranta u cioe' Mary Grech fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru esponiet illi r-rikorrent odjern naqas milli jhallas il-manteniment spettanti lilha u lil ulieda munuri skond id-digriet gia imsemmi;

Illi s-sekwestranta, matul dawn l-ahhar snin, u cioe' mill-1996, irceviet ghandha kera dovuta lill-kumpanija Merger Enterprises Limited, liema kumpaniji hija parzjalment propjeta' tar-rikorrent odjern;

Illi hija gabret din il-kera minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-imsemmija socjeta' kummercjali;

Illi s-sekwestranta rceviet ghandha madwar Lm3,600 rapprezentanti l-kera mensili tal-fond 52, Felice Street, Zabbar, ghall-perjodi 1996 sal-lum dovuta lill-istess socjeta' kummercjali Merger Enterprises Limited;

Illi nonstante il-fatt li l-kera kienet dovuta lil Merger Enterprises Limited, is-sekwestranta Mary Grech, abbuzivament u illegalment zammet ghandha dawn il-flus;

Illi r-rikorrent u s-socjeta' Merger Enterprises Limited qatt ma talbu lis-sekwestranta sabiex tghaddi dawn il-flus minnha migbura lill-kumpanija Merger Enterprises Limited;

Illi ghalhekk, dawk il-flus migbura minn Mary Grech bil-mod gia' espost, ghandhom ipacu s-somma dovuta mir-rikorrent bhala manteniment lis-sekwestranta u ghal uliedhom minuri;

Illi ghalhekk, l-ebda ammont ma huwa dovut mir-rikorrent lis-sekwestranta;

Ghall dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent talab li, a tenur ta' l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi ordnat il-hrug tal-opportun kontro-mandat ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 1628/00, u dan taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni;

Rat ir-risposta ta' l-intimata Mary Grech fejn gie sottomess :

Illi r-ragunijiet migjuba minn Nazzareno sive Reno Grech ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru msemmi mhumiex ragunijiet validi fil-ligi;

Illi fl-ewwel lok jigi notat li Nazzareno Grech fir-rikors tieghu imkien ma jallega li hu hallas il-manteniment dovut minnu, izda wara li ilu snin jirrifjuta li jobdi l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment, qieghed jitlob lill-istess Qorti biex taccetta li dan l-obbligu jigi pacut ma' flus dovuti lil Merger Enterprises Limited li hu jallega li l-esponenti rceviet abbuzivament u illegalment. Huwa ovvju li tpacija tista' ssir bejn zewg persuni li ghandhom jiehdu u jaghtu lil xulxin u mhux fil-konfront ta' terzi. Merger Enterprises Limited mhijiex parti f'dawn il-proceduri. Nazzareno Grech ghandu biss sehem wiehed minn hames mitt sehem tas-socjeta' msemmija. Salluma huwa dejjem cahad li din il-kumpanija hija tieghu. Ghalhekk fuq dan biss ir-rikors ta' Nazzareno Grech ghandu jigi michud;

Illi apparti dan pero', l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors ta' Nazzareno Gech huma wkoll inveritieri u bla bazi. Kemm l-esponenti kemm zewgha kienu ircevew kera tal-fond 52, Felice Street, Zabbar, bejn wiehed u iehor, ammonti ekwivalenti. Mhux pero' l-ammont indikat fir-rikors. Dan pero' ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-obbligu ta' Nazzareno Grech li jhallas il-manteniment ghal-martu u uliedu kif ordnat bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 1047/96. Dan huwa naqas li jaghmlu u ghal hafna zmien l-esponenti kienet b'sagrificcju tiddependi mill-ghajnuna tal-familjari taghha biex setghet trabbi liz-zewg xebbiet minuri taghha, u thallsilhom l-edukazzjoni sekondarja;

Illi l-esponenti diga' kienet otteniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv iehor numru 4457/98 u sussegwentement giet awtorizzata tizbanka l-ammont dovut lilha bhala manteniment wara li zewgha ukoll kien ipprova jzommha bl-iskuza falza li kienet thallset;

Illi t-titolu ta' l-esponenti huwa wiehed ezekuttiv, u sakemm Nazzareno Gerch ma jattakkax b'success dak it-titolu l-esponenti ghandha dritt tezegwixxi t-titolu taghha (art 943 et sew, Kap 12);

Illi m'ghandux ikun ammess li minkejja l-ordni tal-Qorti u t-titolu ta' l-esponenti, zewgha jista' jzommha milli tiehu dak li inghatat b'ordni tal-Qorti, b'semplici allegazzjoni. L-esponenti mhux veru li rceviet il-hlasijiet dovuti minghand zewgha;

Ghallhekk l-intimata talbet li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2000;

Ir-rikorrenti qed jghamel referenza ghall-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1628/00 li gie ottjenut kontra tieghu minn martu l-intimata Mary Grech, ghas-somma ta' elfejn u mitejn liri maltin (Lm2200). L-imsemmi mandat gie ottjenut in esekuzzjoni ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Awissu 1996 (Nru 1542/96) fejn ir-rikorrenti gie ordnat ihallas manteniment lill-martu u lill-uliedu. L-intimata f'dak il-mandat ikkonfermat li r-rikorrenti naqas li jhallas dan il-manteniment;

F'dan ir-rikors ir-rikorrenti jallega li martu indebitament, mis-sena 1996, irceviet kera li kienet dovuta lis-socjeta kummercjali Merger Enterprises Limited, li taghha ir-rikorrenti jidher li hu wiehed mill-azzjonisti. Din il-kera tithallas ghar-rigward tal-fond 52, Felice Street, Zabbar. Ir-rikorrenti ghalhekk qed isostni li l-kera li rceviet l-intimata ghandha tpaci l-manteniment li hu dovut lill-intimata u uliedha. Konsegwentement ir-rikorrenti ma ghandu jghati ebda ammont bhala manteniment;

Ghall dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitlob li, a tenur ta' l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imsemmi mandat ta' sekwestru jigi revokat. Dan l-artikolu jipprovdi li minn jkun issubixxa kontra tieghu il-hrug ta' mandat esekuttiv jista jitlob li l-istess mandat jigi revokat ghal raguni valida skond il-ligi;

F'dan il-kaz ma tirrizultax raguni valida skond il-ligi. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti stess, meta xehed f'dawn il-proceduri, kkonferma li huwa ma hallax il-manteniment in kwestjon;

Ir-rikorrenti qed jippretendi li ghar-rigward ta' dan il-manteniment saret tpacija peress li l-intimata, cioe l-mara tieghu, ippercipiet kera li in effett kienet dovuta lill terzi cioe lis-socjeta kummercjali li taghha huwa kien biss azzjonist. Dan il-fatt lanqas ma jirrizulta b'mod car u nett. Infatti fir-rikors promotur ir-rikorrrenti jsostni li l-intimata ppercepiet din il-kera indebitament. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu r-rikorrenti, ghall-ewwel, jghid li huwa ftiehem ma huh, li jidher li hu ukoll azzjonista tas-socjeta kummercjali in kwestjoni, sabiex il-kera tal-imsemmi fond f'Haz-Zabbar tittiehed mill-intimata u sussegwentement jikkontradici lilu nnifsu billi, fil-kors tal-istess deposizzjoni, huwa jghid li l-inkwilin tal-imsemmi post ta' Haz-Zabbar gie moghti struzzjonijiet mill-konsulent legali tal-intimata biex minflok ihallas lill-kumpanija ihallas direttament lill-intimata. F'dan ir-rigward ukoll ir-rikorrenti naqas li jipproduci lill huh bhala xhud u naqas li jipprovdi xi provi dokumentarji. Barra minn hekk il-kera li allegatament ippercepiet l-intimata ma kinitx dovuta lir-riokrrenti izda kienet dovuta lill-terzi. F'dawn ic-cirkostanzi kollha zgur li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz tirrizulta xi tpacija;

In vista tal-premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhiom jigu rigettati;

Ghallhekk tipprovdi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikkorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.